# ŻEWĠ ASPETTI MPORTANTI FIL-FLORIANA

minn Dr. Sandro Schembri Adami.



## IL-FOSOS:

Il-Fosos tal-Furjana ilhom jeżistu minn żmien żemżem. Originarjament dawn kienu jservu bħala ħażna tal-qamħ. Maż-żmien, bl-introduzzjoni tat-teknologija moderna, l-uzu tagħhom beda jonqos sakemm spiċċa fix-xejn. B'dana kollu l-fosos tal-Furjana kienu għadhom joperaw anke sas-snin ħamsinijiet.

Niftakar iż-żmien meta l-fosos kienu jservu bħala playground għat-tfal u l-ġuvintur. Dak iz-żmien, għal skop ta' futbol, il-Furjana kienet maqsuma fi tlett partijiet – ta' Balzunetta, ta' ħdejn il-knisja u ta' wara s-sur. It tlieta kellhom il-ground tagħhom Ta' Balzunetta kellhom ix-xagħra, ta' hdejn il-knisja kellhom il-fosos u ta' wara s-sur kellhom il-bandli. Ta' tfal li konna nixtru ballun taċ-ċarruta u ngħaqqdu partita sakemm isir il-ħin għall-Mużew. Kemm konna niġru meta konna naraw xi puluzija. Sal-lum għandi ma nafx ir-raġuni għaliex il-pulizija ma kinux iħalluna nilgħabu l-ballun fuq dawn il-fosos. Nismagħhom jgħidu li l-futbol, fil-Furjana, beda jmur lura mindu nqata' l-futbol minn fuq il-fosos. Fil-fatt dan jagħmel sens għax min kien jilgħab fuq il-fosos kien ikollu żewġ avversarji – il-fosos u l-player tat-team l-ieħor.

Il-fosos kienu minn dejjem ta' attrazzjoni għal min jorganizza attivitajiet fejn għalihom jattendu folol kbar. Barra mill l-ispazju tal-fosos jakkomoda eluf kbar ta' nies, il-Furjana hija milħuqa minn kull parti ta' Malta. Biex persuna tiġi l-Furjana, toqgħod fejn toqgħod dejjem għandha bżonn, biss, ta' karozza tal-linja waħda. Sa ftit taż-żmien ilu l-partiti politiċi kienu dejjem jorganizzaw il-Mass Meetings tagħhom fuq il-fosos. Attivitajiet reliġjużi, li sa ftit ilu, kienu għadhom isiru fuq il-fosos jinkludu "Kristu Re", żjarat tal-Papa u fl-1960 l-anniversarju tal-miġja ta' San Pawl ġewwa Malta. Illum dawn l-attivitajiet qegħdin jinferxu madwar Malta. Ir-raġuni prinċipali li llum il-poplu ma għadux jiddependi fuq il-karozza tal-linja sabiex imur minn post għal ieħor.

Il-fosos minn dejjem kienu post fejn, speċjalment fis-sajf, wieħed imur joqgħod ftit għall-frisk fuq xi bank jew fuq xi fossa. Niftakar fl-antik lil "Paċikk" idur mal-fosos kollha, bil-ġewlaq ibigħ xi kejla karawett. Aktar riċenti umbagħat niftakar meta Salvu ta' taħt il-loġoġ rama' l-gabbana bil-minerali u l-ħobż biż-żejt. Il-fosos huma wirt storiku Furjaniż. Kull Furjaniż għandu jagħmel minn kollox sabiex ma jħalli lill ħadd jgħarraq l-istat li qegħdin fih. ħasra li minn żmien għal żmien isiru attivitajiet li bihom issir ħafna ħsara lill-fosos. Il-Kunsill Lokali Furjaniż jaf tajjeb li l-fosos qegħdin għal qalb il-Furjaniżi kollha. Kemm il-darba sar xogħol ta' manutenzjoni sew fil-fosos kif ukoll fil-bankijiet li hemm mad-dawra. ħasra li xi kultant sabiex jintrama armar għal xi okkazjoni jidħlu, fuq il-fosos, trakkijiet kbar li żgur ma' jagħmlux ġid lill-fosos.

# SAN PUBILJU:

San Pubilju – l-Qaddis protettur tal-Furjaniżi. Hawn min jistaqsi "Veru San Pubilju huwa l-ewwel qaddis Malti?" Jiena ngħidlu li bil-fors għax meta San Pawl Appostlu ġie Malta l-popolazzjoni ta' dak iż-żmien kienet pagana. Kien propju San Pawl li kkonverta lil Maltin ta' dak iż-żmien u ħatar lil San Pubilju bħala l-Ewwel Isqof ta' Malta. Wara xi żmien San Pubilju kien ha l-martirju ġewwa l-Grecja. San Pubilju jiftaħ l-istaġun tal-festi, ġewwa Malta. Dan peress li tiġi l-ewwel festa wara l-Għid il-Kbir. Il-festa ta' San Pubilju ma żżommx id-data u dan peress li tiġi għall-aħħar ta' April jew fil-bidu ta' Mejju. Minħabba iż-żmien tas-sena, mhux l-ewwel darba li l-purċissjoni titħassar minħabba l-maltemp jew ix-xita.Fi żmien il-gwerra, meta l-knisja ta' San Pubilju intlaqtet bill-bombi, l-Vara ittellgħet in-Naxxar għax, dak iż-żmien, ħasbu li kienet ser issirilha l-ħsara.



L-istatwa għamlet żmien mhux ħażin ġewwa n-Naxxar u meta l-knisja kienet ġiet irrestawrata, il-vara ta' San Pubilju reġgħet tniżżlet il-Furjana fost il-ferħ u l-brijju tal-Furjaniżi. Forsi l-isbaħ festa esterna ta' San Pubilju kienet fis-sena 1960 meta gie Ċelebrat d-dsatax iĊ-Ċentinarju minn meta San Pawl Appostlu gie Malta. Dak in-nhar inġabet il-vara ta' San Pawl tal-Belt Valletta u din akkumpanjat il-vara ta' San Pubilju f'purċissjoni madwar il-Fosos.

Il-Furjaniżi huma devoti ħafna lejn San Pubilju. Il-festi interni jibdew minn ġimgħa qabel. Kull ġurnata hija ddedikata lill xi ħadd. Insibu festa għat-tfal, festa għal familji, festa għal morda, festa għal Furjaniżi li ħargu mill-Furjana u oħrajn. Għal dawn il-funzjonijiet il-knisja, li m'hiex xi waħda zgħira tkun maħnuqa bin-nies. Il-festi esterni huma ukoll imfittxija mill-Furjaniżi. Il-popolazzjoni tal-Furjana m'hiex xi waħda kbira peress li ħafna Furjaniżi joħorġu mill-Furjana meta jiżżewġu. Pero' dak in-nhar tal-festa dawn il-furjaniżi jiġu bi ħgarhom sabiex jiċċelebraw il-festa ta' San Pubilju. Il-marċi fit-toroq ma' jonqsux bl-aktar li jispikkaw huma tal-Ġimgħa fil-għaxija u tal-Ħadd wara nofs in-nhar. Il-marċ tal-Ġimgħa ikun akkumpanjat mill-vara magħrufa bħala "San Pubilju ta' Balzunetta". Din il-vara titellgħa fuq pedistall fi Triq Konservatorju kantuniera ma' Triq l-Iljun, eżatt faċċata tal-Madonna li hemm fl-istess kantuniera. Tal-Ħadd ikun aktar brijjuż. Fortunatament fil-Furjana la jeżistu piki ta' baned u l-anqas piki bħal pajjiżi fejn hemm zewġ festi. Hawnhekk festa waħda, banda waħda u l-festa niċċelebrawha bħal familja waħda.

Il-vara ta' San Pubilju hija waħda artistika ħafna. Kull Furjaniż huwa kburi bil-vara ta' San Pubilju. Meta kien wasal iż-żmien li l-istatwa ta' San Pubilju tiġi rrestawrata kienet inqalgħet polemika. Min kien favur li l-istatwa tiġi rrestawrata u min beda jibża li l-vara kienet ser titlef id-dehra artistika' tagħha. Għal grazzja t'Alla illum il-vara ġiet irrestawrata u baqgħet majestuża bħal ma' kienet qabel. Kemm il-furjaniżi għandhom għall-qalbhom li ssir mad-dħul tal-vara. Mhux xi ħaġa kbira li tara xi demgħa fuq xi ħaddejn ta' xi ħadd waqt il-kant ta' l-Antifona.

Ma' nistgħux ngħidu li l-Furjaniżi għandhom xi festa kbira, ħdejn pajjiżi oħra. Li nistgħu ngħidu huwa li fil-Furjana l-festa niċċelebrawa bħala familja.